KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ**

**IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA**

***Laqgħa Numru Ħamsa (5)***

***L-Erbgħa, 9 t' Ottubru, 2024***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 5 fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fil-ħamsa ta' filgħaxija (5:00pm)

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | KARL BOXALL |
| Il-VICI SINDKU | BRIAN XUEREB |
| IL-KUNSILLIER | STEPHEN ATTARD |
| IL-KUNSILLIER | STEVEN AXISA (attenda fil-5:25pm) |
| Il-KUNSILLIERA | CHRISTINE DALLI (attendiet fil-5:42pm) |
| IL-KUNSILLIERA | NAOMI MIZZI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

IL-KUNSILLIER JESMOND MANICOLO

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Karl Boxall ippressjeda il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5pm

**5.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji**

5.1.1 Il-Kunsillier Jesmond Manicolo informa lill-Kunsill li mhux se jattendi minħabba impenji oħra. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jkun skużat.

**5.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

5.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 4 li nżammet nhar it-Tlieta 3 ta' Settembru 2024.

5.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 4 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

5.2.3 **Mozzjoni Numru 5-01** : Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill numru 4

Proponent: Il-Vici Sindku Brian Xuereb
Sekondant: Il-Kunsillier Stephen Attard

Il-Minuti Numru 4 ġew approvati unanimament.

**5.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda tal-Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 05(09) – Settembru 2024***

5.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 05(09) permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 11470 sa 11534 kif ukoll cheque bin-numri 7248 sa 7249 li jammontaw €59,301.14

*F'dan l-istadju tal-Laqgħa attenda il-Kunsillier Steven Axisa (5:25pm)*

5.3.2 Il-Kunsillier Stephen Attard staqsa jekk bħala Kunsill nistgħu nitolbu lura l-VAT fuq il-ħlasijiet. Ġie kkonfermat li l-Kunsilli Lokali ma jistgħux jitolbu lura l-ħlas fuq VAT.

5.3.3 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

5.3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet xi pagamenti oħra tax-xogħlijiet li saru fis-sular t'isfel sabiex jitħallsu. Tressaq pagament ta' €1357 għat-tqegħid tal-madum fis-sular t'isfel kif ukoll pagament ta' €826.30 għal twaħħil ta' AC.

5.3.5 **Mozzjoni 05-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 05(09) li jammontaw għal €59,301.14

Proponent: Il-Vici Sindku Brian Xuereb

Sekondant: Il-Kunsilliera Naomi Mizzi

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 05(09) ġiet approvata unanimament.

**5.4 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

5.4.1 Il-Kunsillier Stephen Attard kif ukoll il-Kunsillier Steven Axisa ssuġerixxa li l-Laqgħa tal-Kunsill għandha tkun trasmessa live fuq Facebook. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bħala laqgħa tista' tiġi trasmessa iżda hemm ċertu proċeduri li jridu jiġu osservati meta din tiġi trasmessa.

5.4.2 Is-Sindku Karl Boxall qal li wara li ġara din il-ġimgħa meta bdew jagħtu ċ-ċitazzjonijiet f'Dawret Ħal Għaxaq, qal li kienet inġusta u kien hu stess li kien se jmur iwaqqafhom għax ħafna nies bdew jilmentaw.

5.4.3 Is-Sindku Karl Boxall ippropona li jsiru *Road Humps* f'diversi postijiet fosthom:
- Triq Santa Marija se jitwaħħlu 4 fejn kienu qabel saret it-triq.
- il-Vici Sindku Brian Xuereb propona li titwaħħal road hump fi Triq San Filippu fejn kienet qabel.
- Triq Tal-Millieri
- Triq il-Qattus (Żona Peppin)
- Triq San Gorg

*F'dan l-istadju tal-laqgħa attendiet il-Kunsillier Christine Dalli (17:42)*

5.4.4. Is-Sindku Karl Boxall tkellem dwar il-Proġett tal-Pjazza u l-iskema Vjal Kulħadd minn Infrastructure Malta. Huwa ppropona li bħala proġett il-Kunsill jippreżenta l-proġett tal-Pjazza fejn issir kollha pavimentata u jitħalla biss l-aċċess għall-vetturi li bħala triq tibqa' bit-tarmak. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament li jiġi ppreżentat dan il-proġett taħt l-iskema Vjal Kulħadd.

5.4.5 Is-Sindku Karl Boxall tkellem dwar il-Proġett ta' Santu Rokku fejn dan kellu jsir bid–Development Planning Fund u kellu jiġi ffinanzjat kollu. Il-Kunsill qabel li jitkellem mal-Perit sabiex fil-pjanta jiddaħlu iktar parkeġġi mad-dawra tal-Pjazza. Il-Vici Sindku Brian Xuereb qal li l-Kunsill jista' jiċċekja mal-Perit dwar il-possibilita' li jitħaffer u jsir parkeġġ taħt l-art. Is-Sindku Karl Boxall qal li jekk isir dan, inkunu rridu nibdlu l-pjanti kollha u anki l-permessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar.

5.4.6 Is-Sindku Karl Boxall informa lill-Kunsill li għall-Public Works Framework Agreement dwar il-Proġett ta' Ġnien 2000, il-Perit qed ilesti il-BOQ biex tiġi sottomessa. Bħala xogħlijiet se jkun qed isir il-Pavimentar, se titneħħa l-istruttura tan-nofs u anki l-istruttura tal-ġebel bejn il—kmamar. Dwar dan il-Kunsill approva.

5.4.7 Is-Sindku Karl Boxall informa lill-Kunsill li qed jistenna l-kwotazzjonijiet sabiex isir id-dawl tal-Milied fi Triq Santa Marija minn Santu Rokku l-isfel. Il-Kunsill se jkun qiegħed jgħid lill-każini biex jarmaw Vjal il-Labour u Triq G.M.Farrugia bl-ispiża ta €800 rispettivament.

5.4.8 Is-Sindku Karl Boxall informa lill-Kunsill li ġie avviċinat minn propjetarju li se jkun qed iwettaq proġett privat fiż-żona tal-Belvedere fi Triq il-Ħatem. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal dan il-proġett.

## 5.5 Korrispondenza

5.5.1 Tressqet korrispondenza dwar SPI/SCI/7/2024 Espressjoni ta' Interess – Servizz ta' Manutenzjoni Minuri f'Binjiet pubbliċi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill jista' jkun eliġibbli għal fondi taħt din l-iskema għax-xogħlijiet li se jkunu qed isiru fil-binja tal-Uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsill approva li japplika għal din l-iskema.

5.5.2 Tressqet korrispondenza dwar 'Aqra Miegħi' li qed isir fis-Sala Parrokjali. Qed issir talba sabiex jekk hu possibli ssir sessjoni oħra u dan minħabba l-konkorrenza. Il-Kunsill qabel li jsir arranġament mal-Kappillan biex tinkera s-sala għall-attivitajiet tal-Kunsill u jsir ħlas fis-sena.

5.5.3 Tressqet korrispondenza rigward korsijiet tal-First Aid fejn kellna żewġ offerti. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju li jissussidja nofs il-prezz u jipprovdi post addattat. Dawn il-korsijiet għandhom isiru għal Jannar.

5.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li ġie ffirmat l-MOU mal-Project Green rigward il-proġett taż-Żebbuġ. Fil-jiem li ġejjin se jkun qed jinħareġ it-tender. Min-naħa ta' Project Green talbuna jekk il-Kunsill hux se jkompli jaħdem bil-Perit tiegħu iżda l-ispejjeż mhux se jkunu koperti minn Project Green. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li fit-tender jintalab li l-kuntrattur ikollu l-key experts tiegħu li jikkomunikaw mal-Periti ta' Project Green.

5.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li r-Recycle point li l-Kunsill ppropona li ssir fi Triq iċ-Ċimiterju ma ġietx aċċettata minħabba diversi raġunijiet. Għaldaqstant se nkomplu nipproċedu biex tiġi installata Recysle Point fi Triq il-Bwar.

5.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet korrispondenza rigward isem tat-triq fi Triq Ħas-Saptan. Il-Kunsill qabel li din tiġi diskussa fil-laqgħat li jmiss.

5.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet korrispondenza mill-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija fejn infurmawna li hemm xi ammonti relatati ma tipping fees li mhux korretti skond l-kontijiet bankarji tagħhom. Min-naħa tagħhom ġie nnutat li l-kuntrattur tal-Kunsill kien qed jiġbor l-iskart tagħna u tagħhom f'daqqa u l-ammont mill-Wasteserv beda jiġi mgħoddi fil-kont tagħna. Għaldaqstant qed jitolbu li bħala Kunsill nawtorizzaw lill-Wasteserv sabiex ikunu jistgħu jgħaddu l-istatements tagħna lilhom. Il-Kunsill qal li dwar

dan il-każ għandna niċċekjaw sew il-figuri Accountant tagħna u għaldaqstant qabel li din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħat li jmiss.

5.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li ġie ffirmat l-MOU mad-Diviżjoni tat-Tindif u l-Manutenzjoni fejn għal ħames snin li ġejjin it-tindif se jsir b'4 ħaddiema li se jkunu qed isegwu programm ta' tindif li kull triq tiġi mnaddfa mill-inqas darbtejn fil-ġimgħa.

**5.6 <u>Attivita' organizzata mill-Kunsill Lokali : Ħeluween</u>**

5.6.1 Il-Kunsilliera Naomi Mizzi infurmat lill-Kunsill dwar il-loġistika għall-attivita' tal-Ħeluween li se ssir fil-31 t'Ottubru filgħaxija. Din is-sena l-attivita' se tkun maqsuma fi Trick or Treat madwar it-toroq u l-isqaqin. Din is-sena se nkunu qed nagħtu borża ħelu lit-tfal li dawn se jitqasmu fil-każini mill-Kunsill stess. Il-Kumplament tal-ħelu se jkun qed jitqassam lit-tfal waqt l-attivita' fuq Santu Rokku.

5.6.2 Se jkun qed jittella' programm ta' divertiment b'kantanti rinomati li se jimlew is-serata bejn is-7.30pm u l-10.30pm. Se jkun qed jintrama' palk bid-dawl u s-sound. Għal waqt is-serata.

5.6.3 Se jinġiebu diversi logħob u animaturi għat-tfal li se jattendu. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll li se nkunu qed ningħataw fond ta' €500 minn Visit Malta għal din l-attivita' kif ukoll għajnuna minn Clean Malta għat-tindif wara l-attivita'. Skond il-kwotazzjonijiet li s'issa nġabru, l-ispejjeż involuti se jkunu qed jammontaw għal madwar €6300. Matul l-attivita' se nkunu qed niġbru donazzjonijet għal Puttinu Cares.

**5.7 <u>Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera</u>**

5.7.1 Il-Kunsilliera Naomi Mizzi infurmat lill-Kunsill li ġiet avviċinata minn persuna li uriet ix-xewqa li torganizza kors tal-ganutell fis-sala tal-Kunsill. Il-Kunsill approva din it-talba u li l-korsijiet isiru f'isem il-Kunsill Lokali.

5.7.2 Il-Vici Sindku Brian Xuereb ppropona li ssir talba lill-Ministru Miriam Dalli u lill-Ministru Stefan Zrinzo Azzopardi li l-Kunsill interessat li jakkwista l-art ta' hemm abbandunata fi Triq il-Qattus biex ikun jista' jagħmilha spazju pubbliku u jsir xi proġett minn Project Green. Sadanittant huwa ppropona li jinżergħu 10 siġriet biex iż-żona ma tibqax abbandunata u tintuża' għar-rimi illegali. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

5.7.3 Il-Kunsillier Steven Axisa qal li hu ukoll ġie avviġinat minn persuni li jixtiequ jagħmlu *talks* għal pubbliku. Il-Kunsill qabel li jara fejn jistgħu isiru bħas-Sala Parrokjali tal-Kappillan.

5.7.4 Il-Kunsillier Steven Axisa tkellem dwar il-proġett tal-EU li hu ppropona li l-Kunsill juri interess li jipparteċipa. Huwa qal li f'każijiet bħal dawn, fejn ikun hemm bżonn risposta urġenti, talab lill-kumplament tal-Kunsill sabiex iwieġeb emails jew messaġġi biex ikun

hemm komunikazzjoni naqa aħjar. Il-Kunsilliera Christine Dalli qalet li fir-rigward tal-proġett imsemmi, hija ma ħassitx li kienet f'pożizzjoni li twieġeb minħabba nuqqas ta' informazzjoni rigward il-proġett.

5.7.5 Il-Kusillier Stephen Attard informa lill-Kunsill li hemm fondi ewropej għar-restawr tad-Dar il-Bebbux iżda minħabba li d-Dar hija privata, jista' jkun li dawn il-fondi ma jkoprux.

5.7.6 Il-Kunsillier Stephen Attard tkellem dwar il-*one way* li saret fis-service road, filwaqt li s-Sindku Karl Boxall qal li irċieva diversi ilmenti dwarha għaldaqsatant se jkun qiegħed jara l-possibilita' li terġa ssir kif kienet. Il-Kunsillier Stephen Attard qal li importanti li ssir laqgha mal-Perit dwar Traffic Management.

## 5.8 <u>Mozzjonijiet</u>

5.8.1 Annessi mal-Minuti

## 5.9 <u>Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss</u>

5.9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 14 ta' Novembru fil-5.30pm.

Il-Laqgħa ntemmet fit-8:30pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Karl Boxall |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 5**

**Mozzjoni Ref:** 5-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 4

| | |
|---|---|
| **Brian Xuereb**<br>**Proponent** | **Stephen Attard**<br>**Sekondant** |

---

**Data:** 9 t' Ottubru 2024

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 5**

**Mozzjoni Ref:** 5-03

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 05(09)

**Brian Xuereb**
**Proponent**

**Naomi Mizzi**
**Sekondant**

**Data:** 9 t'Ottubru 2024

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**